

Brussell, 17 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9033/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0151 (NLE)

TRANS 206

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 290 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 290 final.

Mehmuż: COM(2018) 290 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.5.2018
COM(2018) 290 final

2018/0151 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll
li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ
u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju
tal-Marokk**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-Ftehim Interbus tat-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank⁽¹⁾ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003. Aktar tard, il-Ftehim ġie aġġornat permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2011 ⁽²⁾ tal-Kumitat Konġunt imwaqqaf fl-Artikolu 23 tal-Ftehim.

L-ambitu ġeografiku tal-Ftehim Interbus huwa ristrett għall-pajjiżi membri tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT). Minbarra l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bosnja u Herzegovina, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, ir-Repubblika tat-Turkija u l-Ukraina bħalissa huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim. Il-membri tal-ECMT l-oħrajn jistgħu jissiehu fil-Ftehim.

Fil-5 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Interbus bil-għan li jtkabbar l-ambitu ġeografiku tiegħu ħalli jinkludi lir-Renju tal-Marokk.

Saru tliet sessjonijiet ta' negozjar mill-Partijiet Kontraenti, b'konsultazzjoni ma' Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill. L-Istati Membri ġew mistiedna jieħdu sehem bħala esperti f'kull okkażjoni.

F'laqgħa fl-10 ta' Novembru 2017, il-Partijiet Kontraenti preżenti qablu mat-test bħala wieħed stabbli u ffinalizzat. Intlaħaq qbil għal perjodu għall-iffirmar. Kienu preżenti tliet Partijiet Kontraenti mil-Lvant u x-Xlokk tal-Ewropa (ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro u l-Ukraina). Barra minn hekk, żewġ partijiet kontraenti (l-Albanija u t-Turkija) aktar qabel kienu esprimew fehma pożittiva dwar it-test bil-miktub.

Il-Ftehim Interbus huwa miftuħ għall-adeżjoni ta' pajjiżi li huma membri sħaħ tal-EMCT. Ir-Renju tal-Marokk mhuwiex membru sħiħ tal-ECMT iżda sa mill-2006 għandu status ta' osservatur.

Il-Ftehim jeħtieġ li jipprovdi bażi ġuridika ċara għall-adeżjoni tar-Renju tal-Marokk. Mid-dokumenti disponibbli, il-Kummissjoni ma tistax tissoponi li l-ITF maħluq f'Mejju 2006 minn Ministri minn 43 pajjiż issostitwixxa u huwa s-suċċessur tal-ECMT, b'mod li jippermetti l-adeżjoni għal dan il-Ftehim minn kwalunkwe membru tal-ITF skont l-Artikolu 30(1) tal-Ftehim.

L-abbozz mehmuż tal-Protokoll iżid ir-Renju tal-Marokk mal-lista tal-pajjiżi msemija fl-Artikolu 30(2) li jistgħu jaderixxu mal-Ftehim Interbus. L-Artikolu 30(2) diġà jelenka r-Repubblika ta' San Marino, il-Prinċipalità ta' Andorra u l-Prinċipalità ta' Monaco.

L-adeżjoni possibbli tar-Renju tal-Marokk għall-Ftehim Interbus se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet internazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri, it-turiżmu u l-iskambju

¹ ĠU L 321, 26.11.2002, p. 11.

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank tal-11 ta' Novembru 2011 li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u li tadatta l-Anness 1 għall-Ftehim rigward il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, l-Anness 2 għall-Ftehim li jikkonċerna l-istandards tekniċi li japplikaw għax-xarabankijiet u l-kowċijiet u r-rewiżiti li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet soċjali msemminjin fl-Artikolu 8 tal-Ftehim (2012/25/UE) (ĠU L 8, 12.1.2012, p. 38).

kulturali lil hinn minn dawk il-pajjiżi li bħalissa huma Partijiet għall-Ftehim Interbus u tiffaċilita l-organizzazzjoni tagħhom.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Protokoll propost fl-Hemża ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill huwa konformi mal-politika tal-UE tat-trasport bit-triq u jikkomplementaha. Huwa jappoġġa l-aċċess ta' pajjiżi ġirien tal-UE għas-suq tat-trasport tal-passiġġieri tal-UE (u viċi versa) filwaqt li joħloq qafas regolatorju għall-organizzazzjoni ta' turiżmu transkonfinali fiż-żewġ direzzjonijiet.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-politika tal-veċinat u tar-relazzjonijiet esterni tal-UE.

2. **BAŻI ĠURIDIKA**

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 91 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(5) TFUE.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 218(5) TFUE jipprevedi Deċiżjoni tal-Kunsill bħala l-istrument applikabbli.

3. **IL-ĠBIR U L-UŻU TAL-GĦARFIEN ESPERT U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT / IS-SIMPLIFIKAZZJONI**

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien u l-valutazzjoni tal-impatt**

Fl-abbozzar ta' din il-proposta, il-Kummissjoni rċeviet kontributi minn – fost oħrajn – l-esperti tal-Istati Membri li kienu involuti fit-tnejjja tan-negozjati.

L-impatti mistennija huma pożittivi: il-ftuħ tal-Ftehim Interbus għal pajjiż ieħor joffri opportunitajiet ġodda kemm lill-Partijiet Kontraenti eżistenti kif ukoll lir-Renju tal-Marokk. Hekk kif dan jgħin biex jestendi l-*acquis* tal-UE fil-qasam tat-trasport tal-passiġġieri lejn dak il-pajjiż, se jkollu wkoll impatti pożittivi fuq il-kundizzjonijiet tekniċi, ekonomiċi u soċjali rilevanti li skonthom jitwettqu l-operazzjonijiet. L-impatt ambjentali kumplessiv se jkun limitat.

- **Simplifikazzjoni**

It-twessigħ tal-ambitu ġeografiku tar-regoli applikabbli għal operazzjonijiet ta' trasport okkażjonali bil-kowċ u trasport tal-passiġġieri bix-xarabank taħt il-Ftehim Interbus se jikkontribwixxi biex jissimplifika t-twettiq ta' operazzjonijiet ta' dan it-tip ma' pajjiż terz ieħor.

Simili għall-passat, l-operaturi jistgħu jkunu SMEs bi flotta iżgħar tal-kowċis jew xarabanks jew kumpaniji ikbar bi flotot akbar.

4. **IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT**

Xejn.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

It-tħaddim tal-Ftehim Interbus huwa evalwat kull ħames snin mill-Kumitat Konġunt stabbilit fl-Artikolu 23 tal-Ftehim.

Proċedura ulterjuri

Il-Kummissjoni tqis li huwa neċessarju li tagħti bidu għall-proċedura bil-għan li tiffirma u sussegwentement tikkonkludi l-abbozz tal-Protokoll. Konsegwentement, il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta din il-proposta lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-abbozz tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà tal-adeżjoni tar-Renju tal-Marokk.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta:

- L-Artikolu 1 jipprevedi l-iffirmar tal-abbozz tal-Protokoll li jestendi l-Ftehim Interbus lejn l-adeżjoni possibbli tar-Renju tal-Marokk.
- L-Artikolu 2 jawtorizza lin-negozjatur tal-Protokoll biex jindika l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw l-abbozz tal-Protokoll f'isem l-Unjoni.
- L-Artikolu 3 jittratta d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Hemża mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta:

- L-Artikolu 1 jipprevedi emenda tal-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank filwaqt li jagħti lir-Renju tal-Marokk l-għażla li jaderixxi mal-Ftehim.
- L-Artikoli minn 2 sa 6 jkopru l-proċeduri amministrattivi biex il-Protokoll jidħol fis-seħħ u jinkludi dispożizzjonijiet dwar ir-reġim lingwistiku.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea¹,

Billi:

- (1) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/917/KE², il-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) ġie konkluż, f'isem l-Unjoni, fit-3 ta' Ottubru 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003³.
- (2) Fil-5 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Interbus bil-għan li jtkabbar l-ambitu ġeografiku tiegħu ħalli jippermetti l-adeżjoni tar-Renju tal-Marokk, li bħalissa mhix prevista fih. Il-Kummissjoni nneozjat, f'isem l-Unjoni Ewropea, Protokoll li jemenda l-Ftehim billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni tar-Renju tal-Marokk. In-negozjati ġew konklużi fl-10 ta' Novembru 2017.
- (3) L-adeżjoni possibbli tar-Renju tal-Marokk fil-Ftehim Interbus jeħtieġ li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet internazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri, it-turiżmu u l-iskambju kulturali lil hinn minn dawk il-pajjiżi li bħalissa huma Partijiet għall-Ftehim Interbus. Ir-Renju tal-Marokk, li ma jgawdix sħubija sħiħa fil-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport iżda għandu biss minn status ta' osservatur, li mhuwiex biżżejjed għall-adeżjoni għall-Ftehim Interbus, għandu jingħata l-opportunità biex jaċċedi għall-Ftehim.
- (4) Għalhekk, l-abbozz tal-protokoll tal-Ftehim Interbus jeħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

¹ COM(2018)290

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/917/KE tat-3 ta' Ottubru 2002 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interbus dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-coach u bix-xarabank (ĠU L 321, 26.11.2002, p. 11).

³ ĠU L 321, 26.11.2002, p. 44.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tagħha.

It-test tal-Protokoll li għandu jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Protokoll.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*